Fit-Tribunal Industrijali

Decizjoni Nru: 2250

**Kaz Nru 1780**

Fit-Tilwima tax-Xoghol

Bejn

General Workers Union

U

Malta Shipbuilding Company Ltd

Dwar: nuqqas ta' qbil dwar l-implimentazzjoni da parte tal-kumpanija ta' klawsula 3.5 tal-ftehim datata 2 ta' Gunju 2000 riferit mill-partijiet

Illum 21 ta' Ottubru 2013

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal permezz ta' ittra mibguta lit-Tribunal datata 30 ta' Gunju 2003 lill-Prim Ministru dwar nuqqas ta' implimentazzjoni da parte tal-kumpanija ta' klawsula 3.5 tal-ftehiem datat 2 ta' Gunju 2000 iffirmat mill-partijiet;

Il-GWU giet rapprezentata minn Karmenu Vella assistit minn Dr. Aaron Mifsud Bonnici, John Cassar White assistit minn Dr. Pawlu Lia.

Dikjarazzjonijet

Il-GWU issotomettiet li hemm tilwima industrijali relatat man-nuqqas ta' implimentazzjoni da parte tal-kumpanija ta' Klawsula 3.5 tal-Ftehim datat 2 ta' Gunju 2000 iffirmat bejn il-partijiet.

Il-Malta Shipbuilding fuq il-mertu issotometta illi t-talba hija infondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan stante li l-artiklu 3.5 tal-ftehiem tat-2 ta' Gunju 2000 tiffeferi ghal- beneficcji (benfits) introdotti fil-Malta drydocks b'hekk jsekludi l-istruttura tal-pagi.

Provi

Xehed l-Onor. Lawrence Gonzi li kien il-Prim Ministru dak iz-zmien fejn qal li ir-rapprezentanza legali hija f'isem Salvu Gauci, Iddikjara ukoll illi skond il-Ligi il-Board tad-Diretturi u c-Chairman illum spiccaw.

Xehed Antony Restall li kienilHuman Resources Manager talk-Malta Shipbuilding fejn qal li ma kienx hemm conciliation meetings.

Gie ezebit ilo-Collective Agreement mertu tal-kaz u qieghed jigi riprodott l-artiklu 3.5 il-mertu tal-kazlijghid hekk"Managers will be eligible fr any other benefits that may be introduces at MDd foq equivilant posts at level 1, 11, and 111.

Xehed Marmenu Vella segretarju tqsima tal-GWu fejn xehed u qal li kien hemm agreement ghal Managers tal-Malta Drydocks li s-salarji tal-managers ibbenefikaw miz-zieda li kellhom il-managers tal-Malta Shipbuilding. Kien dahal f'diskussjonijiet ma Peter Moore u l-partijiet kienu ftehmu li jmorru Tribunal ghax ma kienx hemm possibilita ta' conciliation.

Xehed Peter moor ex Chief Executive ta' Malta Drydocks. Qal li ma kien iddiskuta da nil-put mal-Union u li probabbli halla f'idejn Tony Restall. Ikkonkluda li peress li fil-collective agreement hem mil-klema benefits din ma tinkludiex salarji u ghalhekk ma accettaqx it-talb atal-Union.

Xehed Charles Vella President tal-Media u Servizzi fejn qal lijiftaker li qajjem da nil-punt ma Peter Moore fuq din il-kalwsula. Sar confront bejn danix-xhid u Peter Morre fejn hareg car li ma jiftakarx li giet diskussa.

It-Tribunal jinnota illi waqt l-ismiegh tal-kas gie michud it-tieni eccezzjoni u li fuqu sar Appell li gie deciz nill-Qorti tal-Appell fil-27 ta Marzu 2009 fejn gie deciz li l-Appell jigi michud u l-kawza ghal-ghalhekk titkompla.

Gew sottomessi dokumenti fejn gie muri id-diskrepanza tal-pagi.

Xehed Emanuel Deguara li kien impjegattal-Malta Shipbuilding Co ltd fejn qal li l-Collective Agreement jghid li l-beneficcju ghandhom japlikaw kemm ghall-haddiema tal-Malta Shipbuilding kif ukoll ghal haddiema tal-Malta Drydocks.Xehed illi fis-sena 2002 kienu hadu z-zieda pero fis-snin ta' wara ma hadhiex.

Xehed Francis ellul mill-Industrial projects Services Limited u qabel kienjahdem malMalta Shipbuilding fejn qal likien is-shop stewart u minkejja li l-management accetta li jithallsu bhal mnagers ohrjn iz-zeida ma hadiehiex u dan minghajr ebda raguni.

Xehed Joe carabott impjegat ta' malta Hipyards u qabel ma Malta Drydocks fejn qal li kienjaf b'xi diskrepanzi fil-paga taghhom.

Xehed Charles Portelli fejn qal Illi kien imjegat ta' Malta Shipbuilding Co Ltd u qal li ha z-zieda fis-sena 2001 biss. Sussegwentemnt gie trasferit mad-dipartiment tal-Gvern

Xehed Charles Vella li dak iz-zmien kien rapprezentant tal-GWU fejn spjega li kien hemm diskrepanza fis-salarji tal-managers tal-Malta Drydocks u Mal-Malta Shipbuilding u ried li din is-sitwazzjoni tigi rrangata. Intuzat il-kelma benfits ghax apparti l-paga seta kien hemm lxi beneficcji ohrajn.

Xehed Paul Bugeja fejn qal li hu kien is-segretarju tal-GWU sezzjoni metal u Kostruzzjoni u qal li mal-IPSL ma ghandhux dispute.

Xehed Charles Portelli li kien accounts Manager ma Malta Shipbuilding fejn xehed li ppretenda l-istess paga.

Xehed mManoel Deguara li kien il-mainatanc manager fejn qal li illum jahdem ma Industrial Project and Services Ltd u gie trasferit f'Novembru 2003. Qal li rcieva ittra fejn kellu l-ghazla li jew jirtiera jew jibda jahdem ma' IPSL u ghazel li jahdem ma IPSL pero sekondat mad-dipartiment tas-sigurta socjali pero jithallas mill-IPSL hlief ghal xi overtime. Xehed ukoll illi bhala beneficcji ohrajn mhux qieghed jiehu.

Rega xehed Tony Restall fejn raga spjega x'kient tikkonsisti t=tilwima.

Xehed john Cassar White fejn spega li l-kwalsula kienet tirrigwarda ukoll l-istruttura tal-paga u ta' dan ix-xhud qal li definittavament din il-klawsula ma kinetx tinkwadra l-pagi. Minhabba l-fatt li n-natura tax-xogho kien differenti ma setax ikun hemm ekwivalenza fil-pagi, Spjega li wahda kienet sistema ta' produzzjoni u l-ohra kienet sistema ta' project management Minkejja li l-paga tal-managers giet aggustata fis-sena 2001 dan ix-xhud ma jiftakarx

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Trinunal sema u evalwa ix-xhieda kollah f'dan il-kaz u jibda biex jghid illi jara stramba kif it-tilwima fegghet fis-sena 2002 meta il-haddiema ma hadux iz-zieda li kienu hadu s-sena ta' qabel u propju giet intavolata din it-tilwima f'Gunju 2003 pero ghal dan it-Tribunal mhux ser jikkommenta.

Fil-mertu si tratta ta' interpretazzjoni tal-kelma "benefits" fl-artiklu 3.5 tal-Collective Agreement.

It-tribunal huwa dispost jinterpreta din il-kelma fi interpretazzjoni ristratta billi jinterpreta din il-klawsula li kienet tapplika biss ghal xi beneficcji u mhux ghal paga. Li kieku l-partijiet riedu li l-managers tal-kumpanija Korprazzjoni riedu isemmu l-klema paga kienet tissemma. Mhiex gusta li

**thalli dubbju fi ftehiem halli tista tigi uzata jew abbuzzata minn dak li iffirma ghalieha. It-Tribunal qieghed ajghti hafna importanza u kredibilta ghax-xhieda ta' John Cassar White meta xehed "Definittivament ma kinetx tirrigwarda l-istrutturi tal-paga. Dejjem kien hemm attentat minn naha tal-Union biex ikun hemm ekwivalenza bejn il-pagi tal-Malta Drydocks u tax-Shipbuilding, Il-management dak iz-zmien kien isostni illi kien hemm differenza fin-naura tax-xoghol tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding, naturalment in-natura tax-xoghol kienet differenti ghax in-natura tax-xoghol tal-Malta Drydocks kien illi ikollok vapuri dehlin ghat-tiswija, kultant ma tkunx taf meta dehlin, ......waqt li fix-shipbuilding in-natura kienet iktar ta' production line ........."**

**Dcizzjoni.**

**It-tribunal ihoss illi l-kelma beneficcji tapplika biss ghall beneficcji u mhux ghal paga. Il-fatt li hadu paga ghal sena u giet irtirata jidher car li kienu hadu xi xball u meta indunaw waqqfu din iz-zeida. It-Tribunal ihoss ukoll illi l-haddiema seta jiehu lil-Pincipal il-Qorti tal-Magistrati fuq nqaas ta' hlas ta'**

**Ghal dawn ir-ragunijiet** it-Tribunal wara li kkunsidra l-isttement u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra n-nota tas-sottomissjnijiet qieghed jichad-it-talba tar-rikorrenti u b'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati mill-General Workers Union.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu (euros 93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Avv Martin Fenech**
**Chairman**

**Winsten Zahra**
**Membru**

**Charles Cassar**
**Membru**